# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 38**
**Rikors Guramentat Numru : 942/2014/LSO**

**Is-Socjeta` tad-Duttrina Nisranija *vulgo MUSEUM,* Sezzjoni Maskili**

**vs**

**Philip James Zammit (K.I. 405346M) u martu Carmen Zammit (K.I. 119639M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tas-Socjeta` tad-Duttrina Nisranija *vulgo* MUSEUM, Sezzjoni Maskili datat 29 ta’ Otturbu 2014, u Natalino Camilleri (K.I. 38262M) bhala Superjur Generali in rapprezentanza tal-istess bil-gurament tieghu jikkonferma:

Illi s-socjeta` esponenti hija kreditrici tal-intimati kif jirrizulta mill-att ta' Kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon tas-27 ta' Jannar tal-2004 fejn l-intimati ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali ghad-dejn ta' Kevin Zammit (liema dejn Kevin Zammit assuma bhala veru, cert u likwidu debitur) kif ukoll ikkostitwew ruhhom bhala veri, certi u likwidi debituri a favur tas-Socjeta` tad-Duttrina Nisranija fl-ammont ta' tliet mija u sebghin elf Liri Maltin (Lm370,000) ekwivalenti ghal tmien mija wiehed u sittin elf tmien mija tmienja u sittin ewro u sittax-il centezmu (€861,868.16) flimkien mal-interessi bil-5% fis-sena mill-1 ta' Jannar 2004.

Illi mill-ammont surreferit kien fadal bilanc x'jithallas ta' sitt mija u erbghin elf hames mija sebgha sebghin ewro (€640,577) flimkien mal-interessi kif hawn fuq imsemmi.

Illi l-istess Socjeta` rikorrenti kienet fethet proceduri ta' subbasta kontra l-konvenuti permezz ta' liema l-fond 'The Arches', 11, Triq Hal-Sajd, Haz-Zebbug, Malta eventwalment gie liberat favur taghha fl-14 ta' Dicembru 2011 u dan bil-prezz komplessiv ta' mitejn u hamsa u disghin elf u tliet mitt ewro (€295,300) (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi ghalkemm l-intimati gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata it-12 ta' Lulju 2013 (annessa u mmarkata bhala Dok. B) sabiex jirrilaxxjaw il-post u jikkonsenjaw il-pussess vakanti tal-imsemmi fond huma naqsu li jaghmluh u ghadhom inadempjenti.

Illi s-Socjeta` rikorrenti pprovat tasal fi ftehim bonarju mal-intimati imma minhabba proposti li saru ma kinux jissalvagwardjaw l-interessi tas-Socjeta` rikorrenti ebda ftehim ma setgha jintlahaq.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi s-Superjur Generali tal-MUSEUM jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghar-ragunijiet hawn fuq premessi r-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja moghtija d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tikkundanna lill-intimati sabiex f'terminu qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti, jizgombraw u jhallu liberu u vojt favur is-Socjeta` rikorrenti il-fond, 'The Arches', 11, Triq Hal-Sajd, Haz-Zebbug, Malta liema fond qed jigi okkupat minghajr ebda titolu validu fil-Ligi u ghalhekk b'mod illegali u abbuziv.

2. Tillikwida dawk id-danni spettanti lis-socjeta` rikorrenti minhabba l-okkupazzjoni illegali minn mindu gie liberat

favur is-socjeta` rikorrenti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, anki bl-ghajnuna ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2013 u bl-imghax legali sal-hlas effettiv.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2015.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti datata 30 ta' Dicembru 2014 (fol 22) fejn bil-ġurament Philip Zammit ddikjara :

1. Illi preliminarjament, b'kull rispett, is-Socjeta` attrici m'ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk il-kawza kif intavolata hija monka u ma tistax tigi pproponuta;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju it-talbiet kollha attrici huma preskritti skont il-Ligi;

3. Illi wkoll b'mod preliminari, minghajr pregudizzju, din il-kawza giet intavolata intempestivament waqt illi l-konvenuti ghadhom ghaddejjin bi trattattivi mar-rapprezentanti tas-Socjeta` attrici u dan kif jista' jigi anke ppruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-partijiet qatt ma tkellmu fuq l-izgumbrament tal-konvenuti

mill-fond (11, 'The Arches', Triq Hal-Sajd, Haz-Zebbug) *stante* illi l-interess ewlieni bejn il-partijiet kien fuq ir-ripagament tal-bilanc dovut;

5. Illi r-rapprezentanti tas-Socjeta` attrici wrew li m'humiex interessati fl-izgumbrament diversi drabi u l-pern tal-komunikazzjoni kollha kienet tinkwadra r-ripagament tal-bilanc inkluza s-somma tal-liberazzjoni tas-subbasta tal-fond 11, 'The Arches', Triq Hal-Sajd, Haz-Zebbug fejn qed jintalab l-izgumbrament;

6. Illi l-konvenuti ittentaw diversi drabi kemm huma nfushom u kemm *tramite* l-legali taghhom sabiex jintlahaq ftehim li jinkludi l-modalita` tal-pagament tas-somma dovuta ghas-saldu;

7. Illi l-konvenuti ma jaqblux ghall-ahhar mar-raba' (4) u s-sitt (6) premessa tar-rikors promotorju *stante* l-konvenuti qatt ma kienu inadempjenti meta kienu huma stess li ghamlu bosta tentattivi sabiex jaslu ghal ftehim mas-Socjeta` attrici, u sahansitra t-trattativi ghadhom sal-lum mhux maghluqa tant li l-ahhar proposti kienu min-naha tal-konvenuti;

8. Illi s-socjeta` attrici issa biddlet hsibijietha u qed titlob l-izgumbrament ghaliex finanzjarjament jaqblilha izjed peress li l-fond gie liberat favuriha ghal prezz izjed favorevoli;

9. Illi l-ebda danni ma gew ikkrejati lis-Socjeta` attrici *stante* kienet is-Socjeta` attrici li ma waslitx ghall-ftehim mal-konvenuti u kienet is-Socjeta` attrici stess jew min kien qed jirrapprezentaha u jitkellem f'isimha li kien wieghed lill-konvenuti li eventwalment bhala parti mill-ftehim kellu jkun hemm il-fakolta` li l-konvenuti jixtru lura l-fond 11, The Arches', Triq Hal-Sajd, Haz-Zebbug minghand is-Socjeta` attrici;

10. Illi ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghal xi allegati danni, kif ukoll l-konvenuti qatt ma gew interpellati ghal xi danni li setghu kienu qed jigi kkagunati lis-socjeta` attrici;

11. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Salv eccezjonijiet ulterjuri ohra permessi mil-Ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April 2015 (fol 36) fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Benjamin Valenzia ghas-socjeta` attrici u Dr Christopher Mizzi ghall-konvenut prezenti. Dr Mizzi pprezenta nota b'affidavit tal-konvenut, rigward l-ewwel eccezzjoni tieghu u ghadda kopja tal-istess lid-difensur tal-kontro-parti *seduta stante*, u b'rizerva li jipprezenta nota ulterjuri fuq il-mertu. Dr Valenzia rrizerva d-dritt ghall-kontro-ezami tal-konvenut ghall-affidavit li

prezenta. Xehdet bil-gurament taghha Dr Hilary Grech, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Mizzi ddikjara li m'ghandux provi ulterjuri rigward l-ewwel eccezzjoni. Dr Valenzia ghandu jipprezenta nota fi zmien gimgha minn dan il-verbal bin-notifika tad-difensur tal-konvenut jekk hux ser iressaq lil konvenut in kontro-ezami. F'kaz li jiddikjara li mhux ser iressaq lill-konvenut, jigi awtorizzat jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sa mhux aktar tard mit-28 ta' Mejju 2015 bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sal-25 ta' Gunju 2015 biex jipprezenta nota responsiva, wkoll bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza qed tigi differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta' Lulju 2015 fil-11:00a.m.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari datata 28 ta' Mejju 2015 a fol 40 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa minnhom, datata 9 ta' Lulju 2015 a fol 47 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 22 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, prezenti l-konvenut. Id-difensuri prezenti ddikjaraw li qed joqghodu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom. Il-kawza igiet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat li dan il-kaz jirrigwarda talba sabiex l-intimati jizgumbraw mill-fond “The Arches”, 11 Triq Hal Sajd, Zebbug, Malta u in segwitu gie mitlub likwidazzjoni tad-danni a favur tas-socjeta` rikorrenti minhabba l-okkupazzjoni illegali tal-fond in kwistjoni.

L-intimati laqghu billi eccepew preliminarjament li s-socjeta` attrici m’ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk il-kawza kif intavolata hija monka u insostenibbli.

**Fatti:**

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Is-socjeta` rikorrenti sostniet li hi kreditrici tal-intimati, b’kostituzzjoni ta’ debitu datat 27 ta’ Jannar 2004, fl-ammont ta’ tlett mija u sebghin elf Liri Maltin (Lm370, 000). (ekwivalenti ghall- tmien mija, wiehed u sittin elf, tmien mija u tmienja u sittin ewro u sittax-il centezimu -€861,868.16) flimkien mal-imghaxijiet bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) fis-sena dekorribbli mill-1 ta' Jannar 2004. Minn dan l-ammont kien fadal x’jithallas sitt mija u erbghin elf, hames mija u sebgha u sebghin ewro (€640,577) peress li s-socjeta` rikorrenti kienet istitwiet proceduri ta’ subbasta kontra l-intimati, u sussegwentement, il-fond “The Arches”, 11 fi Triq Has-Sajd, Zebbug, Malta, gie liberat favur taghha fl-14 ta’ Dicembru 2011(Dok A) fil-prezz ta' €295,300. *In vista*

tal-fatt li ma waslux fi ftehim bonarju mal-intimati kellhom jipprocedu bil-kaz odjern.

**Provi:**

**Natalino Camilleri,** s-Superjur Generali tal-Muzew xehed b'affidavit (fol 30-31) li kkonferma li s-socjeta` tad-duttrina hija korp, billi hija assocjazzjoni ta' persuna rikonoxxuta, u dan johrog mill-istatut esebit Dok NC1 (fol 32). Kompla ighid li minhabba kreditu li ghadu dovut, is-socjeta` rikorrenti kienet fethet procedura ta' subbasta kontra l-intimati ghall-fond mertu tal-kaz in ezami, u ghalkemm l-intimati gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali, sabiex jikkonsenjaw lura l-fond, izda baqghu inadempjenti. Minkejja tentattivi ghal ftehim bonarju, ma ntlahaq l-ebda ftehim. Kompla jsostni li l-socjeta` rikorrenti qed issofri danni b'konsegenza tal-okkupazzjoni tal-intimati, *stante* li l-fond ilu li gie liberat a favur tas-socjeta` rikorrenti.

**Philip James Zammit** xehed b'affidavit (fol 39) u qal li fl-istadju tal-procedura tas-subbasta 56/2010, ma kien qajjem l-ebda eccezzjoni, peress li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, li s-subbasta ser isservi sabiex is-socjeta` rikorrenti jkollha garanzija akbar fuq il-fond. Semma li fil-procedura tas-subbasta kkoperaw bis-shih ma' Dr. Joseph Sammut, l-avukat tas-socjeta` rikorrenti, u anke qablu li tintuza l-istima li kienet saret mill-perit mahtur fl-ewwel subbasta 103/2006.

**Dr. Hilary Grech**, in rapprezentanza tar-Registratur ghall-Persuni Guridici xehdet (fol 40A- 40C) (Seduta 23 ta' April 2015) li s-socjeta` tad-duttrina Nisranija Vulgo Museum sezzjoni maskili mhix registrata bhala persuna guridika fir-*records* taghhom, u m'hemmx applikazzjoni pendenti biex tigi registrata. Izda semmiet li assocjazzjonijiet bhal dawn, m'hemmx obbligu li jirregistraw; hija fakoltattiva.

**Din hija sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni fis-sens li s-socjeta` attrici m'ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk il-kawza kif intavolata hija monka u ma tistax tigi pproponuta.**

Din il-Qorti ghandha tiddetermina jekk is-socjeta` rikorrenti ghandhiex il-personalita` guridika mehtiega skont il-ligi.

L-intimati ssottomettew li dan johrog mill-fatt li s-socjeta` rikorrenti mhix registrata fir-registru tal-persuni guridici. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jibbazaw l-argument taghhom fuq it-Tieni skeda tal-Kodici Civili li titratta l-persuni guridici. Gie sottolineat fl-istess nota li l-**Artikolu 181A tal-Kap 12** kif espost mis-socjeta` rikorrenti, ma japplikax. Dan ghaliex gie spjegat li l-Artikolu 181A tal-Kap 12, jezigi li l-korp ghandu jkollu personalita` guridika distinta biex jibbenefika mill-istess artikolu.

**L-artikolu 6(5) tat-Tieni skeda tal-Kap 16 tal-Kodici Civili,** introdott bl-Att XIII tal-2007 ighid hekk:

*"Assocjazzjonijiet, hawnhekk izjed 'il quddiem imsejha "assocjazzjonijiet ezistenti" stabbiliti bil-miktub qabel id-data rilevanti li huma meqjusa bhala persuni guridici skont id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, ghandhom ikomplu jitqiesu bhala persuni guridici minkejja li ma jkunux registrati; madankollu assocjazzjonijiet ezistenti li ma jirregistrawx bhala persuni guridici, kif ukoll l-amministraturi taghhom, ikunu regolati bid-disposizzjonijiet ta' din l-iskeda li jghoddu ghal organizzazzjonijiet mhux registrati b'effett minn meta tghaddi sena kalendarja wara d-data rilevanti u cioe` l-1 ta' April 2008*."

Huwa car li b'dan l-artikolu, dawk l-assocjazzjonijiet pre-ezistenti ghall-ammendi li introducew it-Tieni Skeda tal-Kap.16 huma meqjusa bhala persuni guridici minnkejja li ma hemmx l-gharfien formali tal-Istat **(art 3 tat-Tieni Skeda ccitat mill-intimat.)**

Minn dan isegwi li fil-kaz taht ezami, huwa **l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta)** li japplika in konnessjoni mal-persuni li jistghu jharrku u jigu mharrka quddiem il-qrati u tribunali u dan meta fl-**artikolu 4(d)** jinghad illi:

*"F'dan l-Att u f'kull Att iehor mghoddi qabel jew wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, kemm-il darba ma jkunx jidher hsieb kuntrarju:*

*"l-espressjoni 'persuna' tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni, sew jekk dik l-ghaqda jew dak il-korp ikunu*

*persuna guridika skont id-dispozizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le."*

Dan jidher aktar car fit-test Ingliz:

(d) *"the expression 'person' shall include a body or other association of persons, whether such body or association is corporate or unincorporated."*

Hekk fil-fatt, gie ritenut fil-kaz **"Francis Busuttil &Sons Ltd. vs Saviour Cacciatolo"** P.A., deciza fil-31 ta' Mejju 2005 li "L-*attrici izda qeghda thawwad il-kuncett ta' personalita` ma dak ta' inkorporazzjoni, bhallikieku fost il-korpi huma s-socjetajiet registrati biss li ghandhom personalita`."*

Ghalhekk, l-argument tal-intimat li s-socjeta` rikorrenti trid tkun persuna guridika taht id-dispozizzjonijiet tat-Tieni skeda tal-Kodici Civili ma tregix.

Hawnhekk, ta' relevanza, huwa l-kaz **"E.A. Avallone vs A. Delia proprio et nomine"**[1] fejn intqal:

*"Il-persuni fizici li jiftehmu u jaghmlu skrittura privata jew att pubbliku biex jiffurmaw socjeta` civili, cioe` mhux kummercjali joholqu persuna guridika distinta u separata mill-istess persuni li jikkomponuha, kif jidher car mid-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili – mill-artikolu 1644 sal-artikolu 1688. Minn dawn is-socjetajiet hawn numru*

[1] Qorti tal-Appell - 16 ta' Dicembru 1991

*konsiderevoli bhalma huma dawk tal-kazini tal-Banda f'diversi bliet u rhula, kazini tal-isport, specjalment tal-futbol, socjetajiet politici kostitwiti f'partiti u simili. Dawn kollha ghandhom personalita guridika separata u distinta mill-membri taghha."*

Fil-kaz fl-ismijiet **"Anthony Bugeja vs Carmelo Agius et",** P.A. deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Ottubru 1991, inghad li f'Malta:

"*Kull forma ta' assocjazzjoni maghmula a bazi ta' kuntratt socjali, sakemm il-finalitajiet ta' dak il-kuntratt ma jkunx impossibli, projbiti mil-ligi kontra l-morali u l-ordni pubbliku, hija nvestita b'personalita guridika……"*

Illi dan il-kuncett gie mistharreg f'diversi sentenzi recenti fosthom **"Dottor Michele Mortone vs Raymond Gatt pro et nomine et",** P.A. – 27 ta' Jannar 2014, u **"Sean Bradshaw et vs Kings Own Band Club",** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 2 ta' Ottubru 2014.

Jigi ritenut ukoll li *nonostante* dak sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati, l-Iskeda II tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, mkien ma tistipula li jekk assocjazzjoni ma tkunx registrata, m'ghandhiex personalita` guridika.

Anzi l-**artikolu 14 (4)** jipprovdi li:

"*organizazzjoni anke jekk mhux registrata, tista' tigi mharrka f'isimha stess, u hija rapprezentata fil-proceduri gudizzjarji minn amministatur."*

Din il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` rikorrenti ccitat sew l-**Artikolu 181A (1) tal-Kap 12** kif emendat fl-1995. Dan l-artikolu jistipula:

"*meta tigi pprezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp*."

Dan ifisser li m'hemmx ghalfejn jitnizzel isem il-persuna li ghandha rapprezentanza guridika tas-socjeta` jew tal-korp. F'dan il-kuntest, jinghad li l-ligi tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12) hu ta' ordni pubbliku u jrid jigi osservat. L-artikolu 181A tal-Kap 12 kien gie ntrodott biex proprju jaghmel l-affarijiet iktar semplici ghal min irid iharrek fl-interess jew kontra korp guridiku.

Il-qorti tissenjala ghall-korrettezza li r-referenza li saret kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent (fol 42) u kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati (fol 48) l-artikolu 4 tal-Kap 248, huwa referut erronjament ghall-Kap 248, *stante* li r-referenza gusta kellha ssir ghall-Kap 249 , l-att dwar l-interpretazzjoni, li jelenka d-definizzjoni u l-interpretazzjoni ta' "persuna".

Jigi sottolineat ukoll li l-argument fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, li l-kawzi **"Emanuel Lungaro**

**et vs Dar tal-Provvidenza et nomine”,** deciza fl-10 ta’ Mejju 2004, u **“Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation”** deciza fis-27 ta’ Ottubru 2004, huma precedenti ghal-legislazzjoni relevanti ghall-kaz *stante* li t-Tieni Skeda tal-Kap 16 gew introdotti fl-2007, ma jregix lanqas. Dan ghaliex fl-artikoli tal-ligi nnifishom li gew diga enuncjati tat-Tieni skeda tal-Kodici Civili, huwa stabbilit li japplika l-Att dwar l-Interpretazzjoni ghall-[assocjazzjonijiet imwaqqfa qabel il-bidu tas-sehh ta dawn l-ammendi.

Fil-kaz in ezami, rrizulta li s-socjeta` rikorrenti giet mahluqa kanonikament b'Digriet tal-E.T. Arcisqof, Dun Mauro Caruana O.S.B. fit-12 ta' April 1932 u l-Kostituzzjoni riveduta tas-Socjeta` giet approvata mill-E.T. Arcisqof Mons. Pawlu Cremona O.P. fl-4 ta' Novembru 2013. Skont l-Istatut (Dok NC1) hemm stipulat li "*Is-Societas Doctrinae Christianae, is-Socjeta` tad-Duttrina Nisranija maghrufa wkoll mill-bidu taghha bl-isem M.U.S.E.U.M. (Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus) hija ghaqda ta' dritt pubbliku ta' lajci celibi, maghmula minn zewg sezzjonijiet distinti, wahda tal-irgiel u l-ohra tan-nisa." (Klaws.1 tal-Ewwel Taqsima tal-Istatut dwar In-Natura u l-Fundament tas-Socjeta`). Skont il-klawsola 104 kull sezzjoni ghandha personalita' legali u guridika distinta."*

Illi mix-xhieda ta’ **Dr. Hilary Grech**, Registratur tal-persuni guridici, rrizulta li s-socjeta` rikorrenti mhix registrata u lanqas m’hemm pendenti xi applikazzjoni fl-ufficju tal-persuni guridici. Madankollu, gie spjegat li m’hemmx obbligu li jirregistraw. Ghalhekk, *in vista* tas-suespost, din

il-Qorti tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti ghandha l-personalita` guridika.

**III. KONKLUZJONI:**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **Tichad** l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**